MINUTI

KAMRA TAD-DEPUTATI

IL-ĦMISTAX-IL PARLAMENT

SEDUTA NRU 30

It-Tnejn, 2 ta' Novembru 2026

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta fis-6.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Carmelo Abela, ippreseda.

PREŻENTI

Id-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa l-Onor. Ian Borg u l-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej l-Onor. Chris Fearne kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Beppe Galea kien imsiefer fuq xogħol uffiċjali tal-partit.

Il-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli l-Onor. Chris Bonett u l-Onor. Rebekah Borg kienu skużati.

Il-Ministru għall-Ekonomija, it-Teknoloġija u Proġetti Strateġiċi l-Onor. Silvio Schembri u l-Onor. Ray Abela kienu assenti.

TALBA

L-Iskrivan tal-Kamra qalet it-talba.

MINUTI

Il-Minuti tas-Seduta Nru 29 li saret fit-28 ta' Ottubru 2026 kienu konfermati.

KUNSENS GĦALL-ATTI

L-Ispeaker informa lill-Kamra li l-President ta' Malta għoġobha tagħti l-Kunsens tagħha għal:

- **Att Nru XX tal-2026 -** Att tal-2026 li jemenda l-Att dwar l-Armi.

INFORMAZZJONI MIS-SEDJA

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 494 Korrispondenza mibgħuta lis-Sedja mill-Ombudsman datata 29 ta' Ottubru 2026 a tenur tal-artikolu 22(4) tal-Att dwar l-Ombudsman dwar investigazzjoni fuq ilment ta' persuna inkonnessjoni mal-irmunkar tal-vettura tagħha bir-referenza OMB-25-6268, flimkien mal-Opinjoni Finali dwar il-każ; u

P.L. 495 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Nicholas Borg et vs l-Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 444/2023/1 JVC) deċiża fis-26 ta' Ġunju 2025 u dik tal-Appell datata 26 ta' Ottubru 2026, mibgħuta lis-Sedja a tenur tal-artikolu 242(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

MISTOQSIJIET

Mistoqsijiet ġew magħmula u mogħtija tweġiba.

Fis-6.30 p.m. l-aħħar mistoqsija kienet numru 3253 u l-mistoqsijiet l-oħra kollha li dehru fuq l-aġenda ngħataw tweġiba bil-miktub.

TQEGĦID TA' KARTI

Il-Ministru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat, l-Onor. Julia Farrugia, qiegħdet fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 496 Tabella li turi tagħrif dwar l-għadd ta' NGOs li applikaw għal finanzjament maqsuma skont l-iskema għas-snin 2025 u 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari numru 3747.

Il-Ministru għal Għawdex, l-Onor. Clint Camilleri, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 497 Tabella li turi tagħrif dwar l-għadd ta' day-trippers/turisti li żaru Għawdex u Kemmuna fil-perjodu bejn Jannar 2020 u Ġunju 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3505.

Il-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 498 Tabella li turi l-għadd ta' kawżi ġodda li ġew ippreżentati fil-Qorti tal-Familja fil-perjodu bejn Jannar 2015 u Ottubru 2026, maqsuma għal kull sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2037;

P.L. 499 Tabella li turi l-għadd ta' kawżi deċiżi fil-Qorti tal-Familja fil-perjodu bejn Jannar 2015 u Ottubru 2026, maqsuma għal kull sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2038; u

P.L. 500 Tabella li turi l-għadd ta' kawżi li baqgħu pendenti fil-Qorti tal-Familja fil-perjodu bejn Jannar 2015 u Ottubru 2026, maqsuma għal kull sena, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 2039.

Il-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol, l-Onor. Jonathan Attard, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 501 Avviż Legali Nru 305 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Evitar ta' Ħsara lil Proprjetà ta' Terzi Persuni.

Il-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà, l-Onor. Glenn Bedingfield, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 502 Avviż Legali Nru 304 tal-2026 – Regolamenti tal-2026 li jħassru r-Regolamenti dwar l-Akkoljenza ta' Persuni li jfittxu Asil;

P.L. 503 Tabella li turi l-għadd ta' uffiċjali tal-Pulizija assenjati mal-Iskwadra ta' Kontra d-Droga u mal-Criminal Intelligence and Analysis Unit (CIAU) għas-snin bejn l-2016 u Ottubru 2026, bi tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 3504.

ORDNIJIET TAL-ĠURNATA

L-Iskrivan tal-Kamra qrat l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

MOZZJONI BIEX IL-KAMRA TMUR F'KUMITAT TA' PROVVISTA GĦALL-KONSIDERAZZJONI TAL-ESTIMI ĠENERALI TA' SPIŻA GĦAS-SENA 2027 - MOZZJONI 67 (KONT.) - L-EWWEL JUM IMĦOLLI KOLLU GĦALL-OPPOŻIZZJONI

Il-Kamra rriżumiet mis-26 ta' Ottubru 2026 id-diskussjoni fuq il-Mozzjoni tal-Ministru għall-Finanzi biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-Konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2027.

Skont il-ftehim milħuq, l-Ispeaker stieden lill-impjegati tal-Public Broadcasting Services (PBS) jidħlu fil-Kamra sabiex jittrasmettu s-seduta b'mod dirett fuq it-televiżjoni.

Skont l-istess ftehim, membri tal-media ngħataw permess sabiex jiġbdu ritratti u filmati għal ftit minuti.

L-impjegati tal-PBS daħlu fil-Kamra u bdew jaqdu d-dmirijiet tagħhom.

Id-diskors tal-Kap tal-Oppożizzjoni ġie mxandar ukoll bil-lingwa tas-sinjali.

Skont il-Mozzjoni Nru 70 tal-20 ta' Ottubru 2026 id-diskors kien eżenti mil-limitu ta' ħin għad-diskorsi u l-ħin tal-interruzzjoni tax-xogħol kellu jkun fit-8.30 p.m.

Fis-6.34 p.m. il-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Alex Borg, beda d-diskors tiegħu u s-seduta bdiet tixxandar dirett mill-PBS.

Fit-8.26 p.m. il-Kap tal-Oppożizzjoni kkonkluda d-diskors tiegħu u d-diskussjoni baqgħet aġġornata.

L-Ispeaker irringrazzja lill-crew tal-PBS u talabhom jirtiraw.

AĠĠORNAMENT

Fit-8.27 p.m. il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport, l-Onor. Byron Camilleri, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 3 ta' Novembru 2026, fis-6.00 p.m. b'din l-aġenda:

<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>

1. Mozzjoni biex il-Kamra tmur f'Kumitat ta' Provvista għall-konsiderazzjoni tal-Estimi Ġenerali ta' Spiża għas-sena 2027 – Kont. (It-Tieni Jum Imħolli kollu għall-Gvern)

Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 70 tal-20 ta' Ottubru 2026:

2. Estimi ta' Dħul u Nfiq ta' Patrimonju Malta għas-sena 2026 Votazzjoni

Il-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra, id-diskors tal-Prim Ministru kellu jixxandar b'mod dirett mill-Public Broadcasting Services (PBS), b'kull stazzjon tat-televiżjoni jew internet service provider jingħata clean feed mill-PBS, u li d-diskors tal-Prim Ministru kien se jixxandar bil-lingwa tas-sinjali.

Huwa informa wkoll li fil-bidu tas-seduta, fotografi u cameramen kellhom jitħallew jieħdu ritratti/filmati għal ftit minuti.

Fit-8.27 p.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 70 tal-20 ta' Ottubru 2026.

ELEANOR SCERRI
SKRIVAN TAL-KAMRA

KONFERMATI

ONOR. CARMELO ABELA
SPEAKER